# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**NOVEMBRU 1937 ]** **IS-SEBA' SENA** **[ Għadd 81**

## Is-sur Ġużè Aquilina
## Il-Professur ġdid tal-Malti

Mhux biħsiebni nagħmel il-paniġirku ta' ħabibi l-Prof. Ġ. Aquilina, għax ftit ninqala' għat-tifħir fil-wiċċ, u anqas ma jiena ninqeda b'dil-kitba biex inxandar u ngħarraf ismu ma' kull rokna tal-Gżira, għax Malta żgħira u nafu 'l xulxin tajjeb, imma rrid biss, f'ġieh is-sewwa li ma jistax jitmiera, ngħid kelma waħda li tikxef rokna żgħira minn ruħ dan iż-żagħżugħ li f'idejh hu merħi x-xogħol tat-tiswir tal-karattru Malti fiż-żgħażagħ li telgħin.

Aquilina hu żagħżugħ ta' fehmiet kbar u qawwija. Jemmen bis-saħħa kollha ta' ruħu, u xejn ma jħarrku u xejn ma jqanqlu minn dak li jemmen. Meta twaqqfet l-Għaqda tal-Malti bejn l-istudenti tal-Università fis-sena 1931, hu kien minn tal-ewwel li niżżel ismu u daħal biex jitqabad fit-taqbidiet tal-Malti. Ma kienux żmienijiet sbieħ għall-Malti. Il-lsien Malti kien miżmum minn dawk li jridu għalihom biss il-qari, l-kotba u l-għerf bħala għajb tal-Gżira, bħala għodda ta' ħsara, ta' qerq ta' dnewwa. X'seta' jittama żagħżugħ, miexi fit-triq ta' Avukat, billi jkun kittieb tal-Malti? Ħaġa żgħira li ma seta' jittama xejn, imma mhix ħaġa żgħira jekk inqisu x'seta' jitlef. Żagħżugħ ta' ħila intellettwali aktar minn żgħażagħ oħra daqsu, riedu jiġbduh mal-qatgħa tal-għedewwa tal-Malti. Beda ġej fuqu ħafna kliem sabiħ, beda nieżel mill-għoli ħafna taħjir biex jitlaq il-Malti u jħaddem ħiltu f'kitba ta'. . . . ilsna oħra. U Aquilina, iben iltim mingħajr l-ebda għajnuna ħlief il-ħniena ta' qrabatu, fil-bidu tal-istudi tiegħu

fl-Università, b'widnejh iżanżnu bil-kliem ħelu ta' nies għolja li l-ħbiberija tagħhom setgħet tkunlu għajn ta' ġid, ma ċaħadx il-fidi li twieldet miegħu u li kibret miegħu—il-fidi fil-lsien Malti. Dak iż-żmien żewġ toroq kienu miftuħin quddiem iż-żagħżugħ: it-triq imxewwka u mudlama tal-Malti u t-triq imwarrda u mdawwla li tiċħad il-Malti. Kien għalih żmien ta' tiġrib. U biex ma jaqax fit-tiġrib Aquilina sadd widnejh biex ma jismax id-daqq ħelu tas-saħħara, għalaq għajnejh biex ma jaarax it-tlellix qarrieqi li ried jiġbdu fi triq oħra, inġabar fih in-nifsu biex jisma' l-kelma li kienet ħierġa qawwija minn ruħu: "Ħobb il-Malti. għax il-Malti lsienek", u kienet din il-kelma bħal seħer li żammu dejjem marbut ma' fehma waħda, ma' twemmin wieħed.

Aquilina għażel it-triq imxewwka, bla ma qagħad joqloq, bla ma qagħad jitħasseb. Hekk qaltlu ruħu, u mal-kelma tar-ruħ ħadd ma jista' jilgħab. It-triq imwiegħra ? Ma jibżâx, għax hemm issejjaħlu ruħu, u r-ruħ ma tqarraqx. It-triq twassal fit-telfien ? Hekk jidher, imma ma jistax jintilef min jimxi bis-sewwa mal-ġibda tar-ruħ. U għalhekk Aquilina ma ntilifx, ma żelaqx, ma ġġarrafx fit-triq li għażel. F'daqqa waħda, meta l-anqas li wieħed kien jistenna, il-Malti sebaħ, u fit-triq mudlama li fiha daħal iż-żagħżugħ feġġet ix-xemx tiddi, ix-xewk tbiddel f'ward, it-twegħir kollu twitta, u t-triq tal-għajb u tal-mewt saret it-triq tal-ġieħ u tal-ħajja.

Dan hu ż-żagħżugħ li għada jrid isawwar il-karattru Malti tat-tfal li telgħin. Aquilina ħabb il-Malti mhux biex jimxi mal-mewġa, iżda biex jisma' minn ruħu, ħabb il-Malti mhux għax hekk kien jaqbel, aktar kien jaqbillu li ma jħobbx il-Malti, ħabb il-Malti mhux għax rah sabiħ, imgħolli fuq pedistalli tad-deheb, imma kien hu li ħadem biex il-Malti jitqiegħed fil-għoli fil-ġieħ li ħaqqu.

U issa qiegħed Londra. Nixtequlu li jgħaddi dejjem il-quddiem fit-tagħlim u li ma jdumx ma jerġa' jiġi fostna biex jieħu f'idejh ix-xogħol tat-tagħlim tal-Malti fl-Università.

P. P Saydon